# Nitkellmu ma' Publius Magro
# Il-persuna li ħa ħsieb ir-restawr tal-vara tal-Madonna tal-Karmnu matul din is-sena

*Minn Charles Portelli*

Publius Magro huwa persuna li tgħallem is-sengħa tal-induratura, taħt Paolino Bugeja, wieħed mill-aqwa induraturi li kellna f'Pajjiżna, u li għamel diversi xogħlijiet ta' induratura f'Malta. Pullu kif jafu kulħadd, qalilna li minn dejjem kellu x-xewqa li jitgħallem din is-sengħa sa minn meta kien għadu daqsxejn ta' tfajjel. Pullu kellu x-xorti wkoll li jirrestawra diversi statwi u xogħlijiet ta' ċertu valuri f'Malta, u propju għalhekk ġie deċiż li l-Kummisjoni Restawr fi ħdan is-Santwarju tal-Karmnu tal-Belt Valletta, tafda dan ix-xogħol ta' ċertu importanzà taħt idejh.

Biex wieħed ikollu xi ftit tagħrif dwar il-vara tal-Madonna tal-Karmnu, tajjeb ngħidu li l-vara tal-Karmnu tal-Belt Valletta saret fl-1781 u hija magħmula minn zokk tal-ulmu. L-ulmu huwa tip ta' injam li minnu kienu jsiru dak iż-żmien l-arbli tal-qlugħ tax-xwieni. L-induratura oriġinali probabbli saret xi sena wara, li kienet tikkonsisti fil-mant li kien indurat u żgraffit lixx fiċ-ċelesti u fuqu kellu impittrin il-ward. Dawn id-disinji wkoll jinsabu għand Publius Magro, li kien tagħhomlu Paolino Bugeja li dak iż-żmien kien l-imgħallem tiegħu. Issa Missier Paolino, Tommaso Bugeja kien jitgħallem mal-indurratur li ħa ħsieb l-induratura tal-vara tal-Madonna tal-Karmnu Antonio Gauci. Probabbli Antonio Gauci trejsja d-disinn oriġinali u żammhom għandu qabel ma beda jobroxx biex jinduraha u nafuha kif inhi llum. Il-Probabbilta' hija li din it-tieni induratura (li teżisti sal-lum) saret ftit qabel l-festi tal-inkurunazzjoni tal-1881. Tajjeb ngħidu li l-induratura tal-vara tal-Madonna tal-Karmnu hija minn tal-ewwel tax-xorti tagħha f'Malta u hija meqjusa bħala waħda mill-isbaħ, għaliex fiha nsibu wkoll ružuni bil-ward impitter fihom.



*Ir-Restawratur Publius Magro waqt ix-xogħol tiegħu fuq l-Istatwa tal-Madonna tal-Karmnu*

Meta avviċinajt lil Pullu biex niltaqgħu u nagħmillu din l-intervista mill-ewwel aċċetta u l-umilta' tiegħu iġġiegħlek titkellem miegħu b'ċertu maturita'. L-ewwel li staqsejt lil Pullu kien kif ġie avviċinat biex jidħol għal din il-biċċa xogħol hekk kbira. Pullu mill-ewwel weġibni li l-vara tal-Madonna tal-Karmnu meqjuma fis-Santwarju u Bażilika tagħha fil-Belt Valletta, minn dejjem kien midħla tagħha u dejjem ħass ġibda ta' devozzjoni lejha. Huwa qalli li xi tlettax il-sena ilu kien għamel xi restawr ħafif ta' tindif fuq il-karnaġġjon u dak inhar, kien sab xi ingropp fuq dahar il-bambin, fejn Pullu stess kien qabbad skultur biex jaqla dan l-ingropp u jsir injam ġdid floku. Dak inhar stess kienet tneħħiet li speċi ta' fisqija li kellu l-bambin li kienet saret xi żmien qabel, u b'hekk kien reġa lura għal dak oriġinali. Pullu qalli wkoll li dak iż-żmien ġa kien jidher xpakkar fil-ġibs, li ħafna kienu jaħsbu li kien fl-injam ukoll, imma meta beda x-xogħol tar-restawr matul din is-sena instab li l-injam ma kellux ħsara, u kull ma ġara kien li minħabba nuqqas ta' ventilazzjoni fin-niċċa skond testijiet li saru apposta, l-injam xrinkja b'1mm u b'hekk xpakka l-ġibs. Pullu qalli wkoll li ħsara essaġġ fl-injam ma kienx hemm, għajr xpakk fuq ras il-bambin minn fuq moħħu sa taħt għonqu. Huwa qalli li Fr.Martin Schembri O.Carm. li dak iż-żmien kien il-Pirjol tas-Santwarju kien ilu madwar dawn l-aħħar erba' snin jgħidlu li wasal iż-żmien li l-vara terġa tiġi restawrata, u propju fi żmien il-festa tas-sena l-oħra ġie deċiż li matul din is-sena l-vara tiġi restawrata. Pullu qalli li l-ewwel



*Il-velu tal-Madonna waqt ir-restawr*



*Il-velu lest wara x-xogħol tar-restawr*

ma sar kienu tesitjiet tal-umdita' u t-temperatura li kien hemm fin-niċċa, dan biex jiġi konfermat minn fejn kienet ġejja l-ħsara. Kif ġew konfermati r-riżultati ta' dawn it-testijiet wieħed seta jkun jaf x'tip ta' restawr ried isir.

Wara li sar l-ftehim, ġie deċiż li jibda x-xogħol u lil Pullu staqsejtu x'kien il-pass li ried isir. Huwa qalli li wara dawk it-testijiet ġie deċiż li jsir ir-restawr, fejn saret l-istima u għal din il-biċċa xogħol hekk kbira, daħal il-Benefattur is-Sur Victor Spiteri li ħallas għal dan ir-restawr hekk importanti. Pullu qalli li l-ewwel beda jiftaħ l-ixpakki li kien hemm fil-ġibs u hemm sab li xpakk fl-injam ma kienx hemm, apparti dak l-ixpakk wieħed f'ras il-bambin. Pullu qalli li waqt ir-restawr sab li dan l-ixpakk ġa kien ġie imsewwi darb'oħra. Din id-darba tneħħa l-feles il-qadim u saru filsa ġodda mill-injam tal-aħmar, dan ġie inxuqqat bil-kolla, ingħata l-ġibs u wara irtokka ruħu. Huwa qalli li beda jaqla l-ġibs biċċa wara l-oħra, biex wara r- restawr fuqhom jerggħu jipoġġew lura f'posthom. Pullu qalilna li l-aktar xpakk li kien perikoluż kien dak li kien hemm f'dahar il-Madonna. Pullu għamel testijiet oħra biex jistabbilixxi l-kwalita' ta' kolla li ried juża biex iqabbel ma' dik li kienet użata qabel. Pullu kompla qallilna li l-kolla li tintuża għal dan it-tip ta' xogħol, hija kolla magħmula mill-ġilda tal-fenek, fejn din imbagħad tiġi mħallta mal-ġibs. Huwa qalilna li wara li trimja l-biċċiet tal-ġibs li kien qala', reġa poġġiehom lura f'posthom. Pullu saħaq li dan ix-xogħol kien parti integrali minn dan ir-restawr.

Mistoqsi x'tip ta' ħsara sab fuq il-vara, Pullu wieġeb li l-ħsara li kien hemm kienet li l-ġibs iddistakka ruħu minn mal-injam, u li dan probabbli sar minħabba s-sħana u n-nuqqas ta' ventilazzjoni li kien hemm fin-niċċa.

Pullu spjegalna wkoll il-proċess kollu li għamel matul ir-restawr tal-vara, fejn l-ewwel proċess kien li jaqla' l-biċċiet tal-ġibs, jittrimjahom, imbagħad wara diversi testijiet beda jqiegħdhom lura f'posthom. Il-vara f'partijiet minnha nsibu fiha, ġonot ta' injam, fejn f'dan il-każ meta l-induratur jiġi biex ipoġġi fuq il-partijiet tal-ġonot, biex



*Wieħed mill-aktar postijiet li kellu bżonn ir-restawr (fuq dahar il-Madonna)*



*L-istess post kif inhu lest wara x-xogħol tar-restawr*

ikun hemm bażi b'saħħitha, jitwaħħlu biċċiet ta' xoqqa ta' Malta bil-kolla tal-matrudaxxa mal-injam, biex il-ġibs ta' taħt l-induratura jkollu bażi b'saħħitha u jkollu ċans anqas li jixpakka. Wara dan il-process Pullu qalilna li beda jistokkja l-qsim tal-ġonot, fejn wara jsir tip ta' xkattlar b'għodda apposta tal-induratura. Parti mill-proċess tal-induratura, il-ġibs ikun irid jinħasel biex isir aktar fin, fejn wara jerġa jsir tip ta' xkattlar fin. Pullu qalilna li l-proċess li kien imiss kien li jingħata l-boll (il-boll huwa materjal ta' tafal aħmar mill-Armenja) fejn tkun ġejja l-induratura. Wara, dan jiġi polixxjat b'tip ta' drapp tal-għażel qabel ma jibda l-proċess tal-induratura. Wara jibdew jitpoġġew il-folji tad-deheb fejn f'dan il-każ intużaw folji 23.5karat biex jitqabbel mad-deheb tal-induratura oriġinali. Dawn imbagħad jiġu llustrati b'ħaġar semi-prezzjuż (imbornut) qabel ma jiġu miżbugħa. Iż-żebgħa li ntużat kienet żebgħa tal-pittura, bil-fatt li ż-żejt ġie imnixxef fuq karti tax-xuga apposta. Wara imbagħad beda jsir il-proċess tal-iżgraffir. Pullu qalilna kurżita' li sab waqt li beda jaħdem fuq l-iżgraffir, li l-kulur aħmar tal-mant fejn hemm l-iskartoċċ l-aħmar li jagħlaq fejn hemm impitter il-ward, oriġinarjament kien ċelesti wkoll, imma probabbli l-artist ra li ġejja isbaħ u mbagħad għamel l-iskrataċċ kollha ħomor. Pullu saħaq li l-biċċa l-kbira tax-xogħol kienet tikkonsisti fuq l-iżgraffir.

Tajjeb li wieħed jgħid li l-inforra tal-mant ġie deċiż li ssir ġdida, jiġifieri induratura ġdida bid-deheb, dan wara li l-inforra tal-mant kien fiha diversi rqajja li kellhom bżonn ta' restawr, u f'dan il-każ peress li x-xogħol huwa ftit delikat ġie deċiż li ssir induratura ġdida. Il-proċess ta' din il-biċċa xogħol kien li l-inforra tinbarax biex tiġi fuq il-ġibs, tingħata l-boll, tillostra ruħha, u wara tiġi indurata, imbagħad imbornuta u finalment tiġi sgraffita. L-aħħar proċess li sar f'dan ir-restawr kien dak fuq il-karnaġġjon fejn kien hemm bżonn, għax il-ħsieb kien li jinżamm oriġinali, imma fejn kien hemm bżonn, dan ġie irtukkat. Il-proċess tal-karnaġġjon kien jikkonsisti f'tindif u irtokk taż-żebgħa. Finalment Pullu qalilna li l-vara ġiet imnaddfa b'kimiċi apposta, u ingħata verniċ matt, biex jipproteġi l-kuluri mit-trabijiet u l-elementi ta' barra.

L-aħħar mistoqsija li għamilt lil Pullu kienet, x'inhu issa s-sodisfazzjon tiegħu wara dan ix-xogħol ta' restawr li għamel fuq din il-vara. Pullu weġibni mill-ewwel li dan kien unur kbir għalih li ġietu x-xorti li jaħdem fuq waħda mill-isbaħ vari li għandna f'pajjiżna. Huwa qalilna li din tista tkun l-aħħar biċċa xogħol tiegħu fuq xogħol hekk kbir, dan minħabba li issa jixtieq jibqa' jaħdem fuq xogħolijiet iżgħar. Li hu żgur huwa, li se jibqa' jiftakar dan ix-xogħol ta' restawr li għamel fuq vara ta' kalibru hekk kbir. Pullu jispera li matul is-snin kif għamilna aħna, ix-xogħol li għamel fuq il-vara tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta jibqa' jitgawda mill-ġenerazzjoni futura.



*Ix-xogħol tar-restawr waqt li jingħata l-boll*



*L-istess xogħol lest wara r-restawr bil-ward impitter*